*Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2023*

# Regolamenti

## Kategorija 3 – Premju tal-Artiġjanat f'Riskju ta' Estinzjoni

Dan il-premju se jingħata lill-proposta li l-ġurija tidentifika bħala l-aħjar li se tagħmel użu mill-fondi biex snajja' li qegħdin f'riskju, jiġu salvati.

## 1. Definizzjonijiet

1.1 **Applikant**: l-artiġjan li jaħdem fis-settur tal-artiġjanat (ara l-lista tal-arti, ħiliet, snajjà u industriji meqjusa bħala artiġjanat Malti fl-anness) u li qiegħed jissottometti l-applikazzjoni, kemm bħala individwu, jew f'isem organiżazzjoni.

1.2 **Kumitat Organiżattiv**: il-kumitat responsabbli biex jistruttura l-kompetizzjoni, biex jirċievi u jiċċekkja l-applikazzjonijiet u biex jorganizza l-esebizzjoni u ċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet.

1.3 **Kumitat ta' Selezzjoni**: kumitat kompost minn esperti minn diversi Organiżazzjonijiet tal-Gvern kif ukoll minn rappreżentanti ta' organiżazzjonijiet tal-Artiġjanat u l-Arti. Il-Kumitat huwa responsabbli mill-evalwazzjoni tal-prodotti sottomessi għall-kompetizzjoni.

1.4 **Organiżazzjoni:** tirreferi għal sħubija pubblika/privata kif ukoll għal organiżazzjonijiet pubbliċi jew privati**.**

## 2. Min jista' Jipparteċipa

2.1 L-Artiġjana kollha inkluż nies li jipprattikaw l-artiġjanat bħala passatemp, artiġjana professjonali jew mhux, basta għandhom sittax -il sena jew aktar fid-data tal-applikazzjoni, joqogħdu fil-gżejjer Maltin u **reġistrati mar-Reġistratur tal-Artiġjanat u Artiġjana fi ħdan id-Dipartiment tal-Kummerċ**.

## 3. Min ma jistax Jipparteċipa

3.1 Rebbieħa fl-edizzjoni tal-2022

3.2 Impjegati tal-Malta Crafts Foundation u membri tal-familji tagħhom* mhux eleġibbli biex jipparteċipaw.

3.3 Membri tal-Kumitat ta' Selezzjoni u membri tal-familji tagħhom* mhux eleġibbli biex jipparteċipaw.

***Għall-fini ta' din il-kompetizzjoni, membri tal-familja tfisser: ġenituri, aħwa, konjuġi (inkluż dawk f'unjoni ċivili) u ulied.***

## 4. Stadju ta' Applikazzjoni u Validazzjoni

4.1 Il-Perjodu ta' Applikazzjoni ikun miftuħ sal-11 ta' Marzu 2024. Applikazzjonijiet aktar tard mid-data stipulata mhux se jiġu aċċettati.

4.2 Tingħata riċevuta tal-applikazzjoni iżda din ma tkunx tfisser prova tal-validazzjoni.

4.3 Kull applikant irid ikun qed jaħdem fis-settur tal-artiġjanat (ara l-lista tal-arti, ħiliet, snajjà u industriji meqjusa bħala artiġjanat Malti fl-anness). Mhux bilfors li l-professjoni ewlenija tiegħu tkun fil-qasam tal-artiġjanat.

4.4 Wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, il-Kumitat Organiżattiv janalizza l-applikazzjonijiet kollha. Fil-każ ta' applikazzjoni mhux kompluta, l-Applikant ikun mitlub jirretifika il-formola tal-applikazzjoni f'perjodu speċifikat ta' żmien. Jekk l-Applikant ma jipprovdix l-informazzjoni rikjesta, l-applikazzjoni tkun dikjarata bħala mhux eliġibbli biex tipparteċipa.

4.5 Fil-każ fejn numru kbir ta' applikazzjonijiet jiġu mitfgħuha, il-kumitat Organiżattiv jirriserva d-dritt illi jsaqsi lill-Kumitat ta' Selezzjoni biex issir 'shortlisting' qabel issir l-evalwazzjoni finali tal-applikazzjonijiet sottomessi għall-kompetizzjoni.
4.6 Ma' kull applikazzjoni l-applikant jrid jannessa erba' ritratti tax-xogħol tiegħu waqt li qed isir. **Ir-ritratti jridu jkunu ta' <u>kwalita' tajba u f'format diġitali</u> (mhux skennjati).**

## 5. Esebizzjoni

5.1 L-applikazzjonijiet li se jkunu sottomessi se jkunu esebiti fl-esebizzjoni li ssir għall-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2023 fi kwalunkwe post li tiddeċiedi l-Malta Crafts Foundation.
5.2 Posters b'ritratti u deskrizzjonijiet ta' l-artiġjana u l-proposti tagħhom se jiġu esebiti fl-esebizzjoni li ssir għall-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2023.
5.3 Il-Malta Crafts Foundation għandha d-dritt esklussiv li tiddeċiedi kif u fejn jiġu esposti l-posters waqt l-esebizzjoni u għandna d-dritt li ma tesebixxix kwalunkwe poster.
5.4 Proġetti kompluti jiġu preżentati fuq il-medja soċjali u l-applikanti jistgħu jiġu mitluba jagħmlu preżentazzjoni tal-proġetti kompluti.

## 6. Ilmenti u Rapporti

6.1 Waqt il-perijodu tal-esebizzjoni, l-applikanti u l-pubbliku in ġenerali jkunu jistgħu jressqu oġġezzjonijiet u/jew jiġbdu l-attenzjoni dwar xi irregolaritajiet fl-applikazzjoni parteċipanti li jkunu qed jiksru xi regolament/i tal-kompetizzjoni.
6.2 Dan ikun jista' jsir fuq formola speċifika li tkun provduta mill-Malta Crafts Foundation.
6.3 Persuni li jirraportaw xi possibilita' ta' irregolarita jkunu mitluba biex jissostanzjaw l-akkużi u jikkwotaw liema mir-regolamenti jkunu qed jinkisru.
6.4 Tim speċifiku li jkun appontat mill-Malta Crafts Foundation jara dawn ir-rapporti u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Organiżattiv u/jew lill-Kumitat ta' Selezzjoni kif meħtieġ.
6.5 Ilmenti jew rapporti li jaslu wara ż-żmien stipulat ma jkunux ikkunsidrati.

## 7. Kriterji tal-Evalwazzjoni

Kull applikazzjoni tiġi evalwata fuq il-kriterji li ġejjin:

**Livell tax-xogħol artiġjanali - 30% tal-marka totali allokati kif ġej:**
Innovazzjoni – 15%
Teknikalita' – 15%

**Impenn għat-taħriġ - 30% tal-marka totali**
**Il-proposta tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-artiġjanat u l-ħiliet artiġjanali - 40% tal-marka totali**

## 8. Premjijiet

8.1 Ser ikun hemm rebbieħ wieħed f'din il-kategorija u dan jingħata premju ta' €2,000.
8.2 50% tal-premju jingħata waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet. Il-kumplament jingħata meta tingħata evidenza tal-użu tal-fondi biex snajja' li qegħdin f'riskju jiġu salvati.
8.3 Ir-rebbieħa jitħabbru waqt ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet li se ssir f'Ġunju/Lulju tas-sena 2024.
8.4 Il-Kumitat ta' Selezzjoni jirriserva d-dritt li ma jagħtix premju/premjijiet jekk il-livell tal-iskrizzjonijiet parteċipanti ma jkunx wieħed sodisfaċenti.
8.5 Id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kumitat ta' Selezzjoni jkunu kkunsidrati bħala finali. Ebda appell mhu se jiġi milqugħ fi kwalunkwe każ u s-selezzjoni tal-kumitat hi finali u għandha tinżamm kunfidenzjali.
8.6 Il-Malta Crafts Foundation tirriserva d-dritt li tiskwalifika applikanti u/jew tirrevoka premjijiet u/jew tieħu kull azzjoni oħra li li taħseb li tkun neċessarja, jekk l-Applikant jinstab li jkun għamel dikjarazzjoni falza jew ma jkunx irrispetta xi wieħed jew aktar mir-regolamenti imsemmija hawn fuq. Il-Kumitat ta' Selezzjoni jista' jiltaqa' mill-ġdid sabiex jerġa' jagħmel evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet skont il-bżonn bil-possibilità li jerġa' jingħataw l-premjijiet.
8.7 Il-Fondazzjoni se tieħu ħsieb li tinnotifika lill-applikanti kollha dwar id-data tas-serata meta l-finalisti jsiru magħrufa. L-applikanti kollha għandhom ikunu preżenti għas-serata u wkoll għandhom l-obbligu li jirrispondu għad-domandi tal-ġurnalisti fil-bżonn li tinqala' l-eventwalita'.
8.8 F'każ li applikant ma jkunux jista' jattendi ċ-ċerimonja ta' premjazzjoni, dan għandu jinforma lill-Fondazzjoni u jinnomina rappreżentant li jkun jistgħu jattendu minfloku. Dawn id-dettalji tar-rappreżentant, li jista' jiċievi l-premju għan-nom tal-applikant rebbieħ, iridu jinkludu l-isem, deżinjazzjoni u numru tal-karta tal-identità.
8.9 Kwalunkwe promozzjoni wara r-rebħ tal-premju għandha dejjem issemmi lilll-Premju u tittegja lil Malta Crafts Foundation u lid-Dipartiment tal-Kummerċ.

## 9. Aspetti legali

Meta l-parteċipant jissottometti applikazzjoni għal din il-kompetizzjoni, jaċċetta dawn ir-regoli bla ebda kundizzjoni. F'każ li dawn ir-regoli ma jiġux imħarsa, il-Fondazzjoni tirriserva d-dritt li tiskwalifika lill-applikant u l-applikazzjoni tiġi mneħħija mill-kompetizzjoni.

Il-Malta Crafts Foundation għandha d-dritt li tirtira, tissospendi, testendi jew timmodifika il-Premju u r-regoli annessi miegħu, f'kull ħin, bla ebda notifika f'każ ta' ċirkostanzi straordinarji jew f'każ li jkun hemm sitwazzjonijiet ulterjuri li jistgħu jxekklu mill-proċedura ta' dan il-premju. L-ebda protest ġudizzjarju taħt kwalunkwe forma ma' jista' jittieħed kontra l-imsemmija Fondazzjoni mill-parteċipanti. F'każ ta' tibdil fir-regoli dawn jiġu ppublikati fuq il-paġna ta' Facebook tal-Fondazzjoni u/jew fuq il-website tal-Malta Crafts Foundation. Il-parteċipant għandu d-dritt li jiritira l-parteċipazzjoni tiegħu f'każ li ma jaqbilx ma' dawn ir-regoli.

# Anness

<u>Lista ta' arti, ħiliet, snajjà u industriji meqjusa bħala artiġjanat Malti skont L.S. 421,02</u>

1. *Produzzjoni ta' prodotti ta' furnara u dulċiera (bħal ħobż, biskuttini, qagħaq, galletti, qubbajd, pasti, eċċ)*
2. *Produzzjoni tal-Għasel*
3. *Produzzjoni ta' prodotti agrikoli (bħal ġbejniet, prodott imqaddin eż. tin, tadam, eċċ; prodotti preservati u mmellħin, eċċ)*
4. *Produzzjoni ta' nbid u xorb alkoħoliku jew mhux*
5. *Produzzjoni ta' strumenti mużikali*
6. *Produzzjoni ta' pipi tat-Tipjip*
7. *Produzzjoni u tiswija ta' arloġġi*
8. *Produzzjoni ta' melħ*
9. *Produzzjoni tal-ġir*
10. *Produzzjoni ta' karozzini, srieken u inġenji oħra bħalhom*
11. *Xogħol ta' metal (bħal ħadid, landa, ram, bronż, eċċ)*
12. *Xogħol ta' metal prezzjuż (bħal deheb, fidda, eċċ)*
13. *Xogħol ta' tessuti (bħal bizzilla, insiġ, rakkmu, crochet, makramé, tatting)*
14. *Xogħol ta' fuħħar, ċeramika u porċellana jew materjal ieħor ta' xorta simili*
15. *Xogħol ta' plastik, fiberglass jew materjal ieħor ta'xorta simili*
16. *Xogħol ta' xema'*
17. *Xogħol ta' qasab*
18. *Xogħol ta' ġebel*
19. *Xogħol tal-injam (bħal għamara, eċċ)*
20. *Xogħol ta' skarpan*
21. *Xogħol tal-ġild*
22. *Xogħol tal-ħġieġ*
23. *Xogħol ta' restawr*
24. *Xogħol ta' stampar (kotba, rivisti eċċ) u xogħol relatat (bħal illegar)*
25. *Xogħol tal-kpiepel*
26. *Xogħol ta' kartapesta*
27. *Xogħol ta' trofej, medalji u badges*
28. *Xogħol ta' statwi u statwetti*
29. *Xogħol ta' parrukiera, stilisti tax-xagħar, ċentri tas-sbuħija u attivitajiet relatati*
30. *Xogħol ta' tapezzerija*
31. *Xogħol ta' tnegħil*
32. *Xogħol ta' bnadar u stemmi*
33. *Xogħol ta' tpinġija, tabelli bl-idejn, tberfil biż-żebgħa u xogħol relatat*
34. *Manifattura ta' madum*
35. *Ħjata*
36. *Ganutell*
37. *Intarsjar*
38. *Induratura*
39. *Skultura fuq ġebel jew injam*
40. *Bini ta' dgħajjes*

41. *Arranġament ta' fjuri*
42. *Mudellar fit-tafal Malti, injam, landa jew materjal ieħor*
43. *Pirografija*
44. *Tatwaġġ*
45. *Tinqix*
46. *Gwarniċjar*